IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 41

30 ta` Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 41.1 Qari tal-ittri ta` apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Trevor Mizzi talab li jigi skuzat mill-laqgha fis-7:00pm minhabba ragunijiet personali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

### 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 39(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

41.2.1 Is-Sur John Boxal informa lil dawk prezenti li huwa ferm importanti li meta jkun hemm laqghat ma` Ministri, ghandu jkun hemm prezenti kunsillier mieghu u mhux jattendi Sindku wahdu. Is-Sur Boxall zied jghid li dak li qed jipprova jaghmel il-Kunsill mhux qed jigi apprezat mir-residenti. *(Minuti 39(07) 39.2.2)*

41.2.2 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li kellem lill-perit ikkoncernat sabiex jaghti artistic impression tal-munument il-gdid ta` La Vallette. Is-Sur Boxall issugerriexa li jintaqa` ma` Chairman ta` Supretendenza dwar dan il-kaz. *(Minuti 39(07) 39.2.3)*

41.2.3 Is-Sur Boxall propona li jsiru zewg bankijiet fi Triq il-Foss (fuq il-Foss tas-Sur) peress li dawk ezistenti m`ghadhomx tajbin. Is-Sur Boxall zied jghid li minn naha tal-PA giet approvata l-extension tal-kuntratt tal-bankijiet f`Xatt ir-Rizq sakemm jitnehhew l-ankri minn naha tal-Maritime Museum. *(Minuti 39(07) 39.2.4)*

41.2.4 Dwar  it-toroq tal-Collachio, is-Sindku qal li wasal iz-zmien li l-Kunisll jibda jaghmel il-press releases f`dawn it-toroq li sa` llum ghadhom ma trangawx minn naha tar-Restoration Unit *(Minuti 39 (07)  39.2.6)*

41.2.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ma jistax ihallas il-leave minghajr hlas tieghu personali meta jkun msiefer fuq xoghol tal-Kunsill jekk ma jkunx hemm l-approvazzjoni minn naha tal-Lead Partner tal-Progett sabiex ikunu jisghtu jittiehdu l-flus mill-istess progett. *(Minuti 39(07) 39.2.8)*

41.2.6 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill mhux ser johrog l-ebda flus extra ghall-party tal-Milied u dan ghal fatt li ngabru diversi donazzjonijiet li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez involuti. *(Minuti 39(07) 39.5)*

41.2.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li CCTV Cameras fil-front office tal-Kunsill saru u diga bdew jahdmu. *(Minuti 39(07) 39.7)*

40.2.8 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li dwar il-hsarat fid-dawl fi Triq l-Assedju l-Kbir, kellhu laqgha mas-Sur Gordon Vassallo mill-Grand Harbour Marina fejn gie proponut li li l-Grand Harbour Marina tixtri l-bozzoz u l-Kunsill jinstallhom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. *(Minuti 39(07) 39.8.2)*

41.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Eman Zerafa ser jiehu hsieb l-attivita tal-Istrina fil-lokalita. Gie proponut li l-attivita ssir il-Hadd filghodu. Dwar dan is-Sur Zerafa kellhu jiccekja mall-persuna li qed tiehu hsieb minn naha tal-MCCF. (Minuti 39(07) 39.8.6)

41.2.10 Is-Sur Boxall spjega li waqt il-laqgha li saret dwar il-monti ta` kull nhar ta` Tlieta, ghalkemm huwa ma kienx prezenti, gie nfurmat mis-Sindku ta` Bormla li kienet prezenti ghall-laqgha li parti mill-monti mill-Buttaru `il fuq ser jitnehha u jimxi ghal Triq Verdala (naha ta` Bormla). Barra minn hekk giet diskussa li tibda ssir rassenja mis-Segretarju Ezekuttiv flimkien mall-pulizija fejn is-Sur Boxall qal li dwar dan huwa ma jaqbilx.

41.2.11 Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi qal li ghandna nkellmu lill-Heritage Malta u l-Fondazzjoni Wirt Artna sabiex tghin lill-Kunsill jaghmel dawn il-mappep fejn wara kollox din ser tkun ta` reklam ghalihom ukoll. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. *(Minuti 39 (07) 39.8.28)*

41.2.12 Is-Sur Anton Gellel qal li ghat-tieni konferenza tal-Progett SOLIDA li ser ssir fil-Kroazja mhux ser ikun jista` jattendi mas-Sindku. Is-Sur Boxall qal li avvicina lis-Sur Joseph Azzopardi sabiex jattendi mieghu u li diga ghandu prezentazzjoni lesta fuq is-suggett li ser jigi ddiskuss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. *(Minuti 39(07) 39.8.30)*

41.2.13 Is-Sur Boxall qal li s-Sinjura Lorraine Spiteri ghamlet il-prezentazzjoni taghha waqt il-laqgha li saret gewwa Firenze u marret tajjeb hafna. *(Minuti 39(07) 39.8.31)*

41.2.14 Is-Sur Boxall qal li id-diskors li ntwera fuq facebook mis-Sinjura Miriam Grech ex-kunsilliera dwar is-simenta kien intqal wara li kienet ittiehdet id-decizjoni. Is-Sur Boxall qal li hemm ittra li l-Kunsill qed jaqbel dwar dan. Is-Sur Boxall zied jghid li whud mir-residenti kienu kitbu li qed itellfuha l-istorbju ta` tfal, tkissir ta` fanali, il-hmieg tal-klieb u tip ta` vandalizmu iehor bhal tkissir ta` bankijiet u pjanti. Is-Sindku qal li dan gieghel il-Kunsill jissustanza l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jaqbel ma` dan il-progett. B`dan l-izvilupp jinqata` dan l-istorbju. Mill-informazzjoni li ghandu l-Kunsill jidher li din l-applikazzjoni regghet ghadiet ghand il-PA. Wara din id-diskussjoni, il-Kunsill idecieda li din iz-zona tinghata dehra gdida billi tinqala` l-funtana, napplikaw ghall-bankijiet godda mill-fondi tal-UIF, jigu nstallati dog litter bins u jinqaghlu l-pots tal-gebel. *(Minuti 39(07) 39.8.32)*

41.2.15 Is-Sindku propona li jinxtraw disa` (9) dog litter bins, tnax (12) litter bins bhala ma diga` kienu nxtraw, tnax-il (12) set ta` bins tas-separazzjni u dustbins tas-seperazzjoni ghall-iskola primarja tal-Birgu. Dwar dan gie deciz li jingabu l-kwotazzjonijiet mehtiega. *(Minuti 39(07) 39.10.3)*

41.2.16 Gie deciz unanimament li jsiru wkoll tabelli tal-un/loading fil-parkeggi li saru f`nofs tal-pjazza ghad-delivery persons.

**41.3 Is-Sitwazzjoni tal-Istaff**

Wara li giet diskussa s-sitwazzjoni tal-istaff klerikali, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgha mall-istaff biex b`hekk jigu diskussi ahjar il-problemi li qeghdin jigu affaccjati, fejn hemm hazin jew certu nuqqasijiet jigu mtejba u dan sabiex kulhadd jahdem b`mod aktar professjonali u xoghol issir aktar tajjeb. Gie deciz li tinstab data tajba ghal kulhadd biex issir dan il-meeting.

**41.4 Post Mortem Birgufest 2017**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti sabiex ghall-laqgha li ser ssir mall-MHRA, huwa mportanti li jattendi kulhadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ser tibghat l-informazzjoni kollha relatata ma` din il-laqgha lill-kunsilliera kollha.

**41.6 Korrispondenza**

41.6.1 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-sweat shirts bil-logo tal-Kunsill ghall-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unaniment li dawn issiru u li tigi approvata l-irhas kwotazzjoni. Is-Sindku zied jghid biex niccekjaw kemm huma safety vests u qliezet bil-bwiet sabiex kulhadd ikun liebes uniformi.

41.6.2 Moqrija korrispondenza dwar il-progett pilota tas-servizz tal-knis fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur Anton Gellel spjega li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attendew ghal laqgha li saret gewwa l-ufficcju tal-Onorevoli Silvio Parnis, fejn gie spjegat li dan il-progett ser jinbeda minn Marzu 2018 u li l-kenniesa ser ikunu impjegati tal-Kunsill. B`dan il-progett il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jiffranka l-flus u servizz ser ikun aktar ikkontrollat. Dwar din il-proposta kien hemm bqil unanimu.

41.6.3 Inkitbet ittra lill-Onorevoli Minsitru Dr.Owen Bonnici dwar l-istat ta` abandun li tinsab fiha Triq l-10 t`Awwissu u f`din l-istess ittra gie kkupjat il-Prim Ministru hekk kif kien maqbul li jsir fil-laqgha precedenti. Is-Sur Trevor Mizzi qal li kellhu l-opportunita li jkellem lill-Ministru dwar dan u gie gwidat biex il-Kunsill jerga` jibghat ir-rapport tieghu. Ghal dan is-Sindku qal li l-Kunsill ilu bosta xhur jikteb dwar din il-problema.

41.6.4 Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tal-irhama tal-bust ta` Dun Guzepp, fejn il-Kunsill approva unanimament l-irhas offerta. Is-Sur Boxall zied jghid li l-inawgurazzjoni ta` dan il-bust ser ssir fil-31 ta` Jannar 2018, gheluq is-sentejn mill-mewt tieghu. Ghal din l-inawgurazzjoni ser jigu mistiedna l-benefatturi, l-Arcipriet u l-ghaqdiet tal-lokal.

41.6.5 Il-Kunsill gie avvicinat mill-dental mobile unit sabiex jigu gewwa l-Birgu nhar it-Tnejn 4 ta` Dicembru fin-nofs ta` nhar ta` filghodu gewwa l-pjazza tal-Birgu. Il-Kunsill approva din it-talba unanimament.

41.6.6 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rega` rcieva ittra ohra mill-avukat tas-Sinjura Antonia Belfiore rigward l-perfomance bonus tas-sena 2016. Is-Sinjura Belfiore talbet li jigi rrtirat id-diskors li ntqal fl-performance appraisal u li l-Kunsill japprova l-minimu tal-performance bonus dak ta` 6%. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Belfiore tinghata performance bonus ta` 6%. Dwar dan ser jigi nfurmat l-avukat sabiex jibghat jgharraf lis-Sinjura Belfiore dwar dak deciz.

41.6.7 Inqrat il-korrispondenza li l-Kunsill bghat u li rcieva minn naha tal-DLG dwar il-fondi relatati mall-inizjattiva tal-postijiet storici, fejn il-Kunsill gie mgharraf li mhux ser ikun jista` jibbenifika minhabba li f`dawn it-tlett snin diga saru xoghlijiet relatati fil-lokalita anke jekk l-applikazzjonijiet jkunu saru minn organizazzjonijiet ohra.

**41.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.7.1 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva xi risposta dwar l-applikazzjoni li saret mall-Minsiteru tal-Finanzi dwar l-installazzjoni tal-bicycle racks.

41.7.2 Is-Sindku ssugerriexa li ghandha ssir laqgha mall-Prim Ministru sabiex il-Kunsill jesprimi dak li qed jigri fil-prezent, fejn certu Ministri qed jinjoraw kull talba tal-Kunsill.

41.7.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li coffee morning li l-Kunsill Lokali tal-Birgu organizza fit-30 ta` Novembru gewwa l-Palm Valley, M`Skala kien ta` success.

41.7.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ser jghin lill-iskola primarja tal-Birgu f`inizjattiva tal-gbir tal-plastik, fejn minn l-aktar skola f`Malta tigbor l-iktar plastik jiehu xi ghajnuna finanzjarja. Il-Kunsill heggeg sabiex it-tfal johorgu jigbru l-flixken tal-plastic billi jduru fid-djar tar-residenti tal-lokal.

41.7.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar ir-regolarizazzjoni tal-permessi tal-garaxx tal-Kunsill. Dwar dan kellem lill-perit u ser jiehu hsieb jaghmel l-applikazzjonijiet mehtiega.

**41.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

### 41.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3856 sa` BOV 3906 u cekk numru HSBC 9663. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 3 ta`Novembru 2017 sa` 30 ta` Novembru 2017.

## 41.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Il-seduta tal-laqgha li jmis giet aggornata ghat-Tnejn 4 ta` Dicembru fl-erbgha ta` filghaxija.

Konfermati llum Il-Hamis 4 ta` Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |